

## INFORMAZZJONI MILL-ISTATI MEMBRI

## ID-DEĊIŻJONI Nru 655

tat-23 ta' Ottubru 2008

**dwar il-ftuħ ta' proċedura għall-għoti tal-awtorizzazzjoni għall-ipprospettar u l-esplorar taż-żejt u l-gass naturali — ir-riżorsi naturali li jinsabu taħt l-art skond l-Artikolu 2, paragrafu 1, punt 3 tal-Liġi dwar ir-Riżorsi Naturali ta' Taħt l-Art, fil-Blokk 1-12 "Knezha", li jinsab fir-reġjuni ta' Vratza, Pleven, Lovetch, Gabrovo u Veliko Tirnovo u għan-notifikazzjoni dwar il-kompetizzjoni prevista għall-għoti tal-awtorizzazzjoni**

(2009/C 36/09)

IR-REPUBBLIKA TAL-BULGARIJA

IL-KUNSILL TAL-MINISTRI

Imsejsa fuq: l-Artikolu 5, punt 2; l-Artikolu 42, paragrafu 1, punt 1; u l-Artikolu 44, paragrafu 3 tal-Liġi dwar ir-Riżorsi Naturali ta' Taħt l-Art, u Frabta mal-Artikolu 4, paragrafu 2, punt 16 u § 1, punt 24a tal-Liġi dwar l-Enerġija,

IL-KUNSILL TAL-MINISTRI IDDEĊIEDA:

1. li jibda proċedura għall-għoti tal-awtorizzazzjoni għall-ipprospettar u l-esplorar taż-żejt mhux raffinat u tal-gass naturali fil-Blokk 1-12 "Knezha", f'erja ta' 1 348,45 km<sup>2</sup> u b'koordinati, speċifikati u indikati fl-abbozz tal-kuntratt għall-ipprospettar u l-esplorar, liema proċess huwa parti integrali mill-fajl tal-kompetizzjoni;
2. li jħabbar li l-għoti tal-awtorizzazzjoni se jkun imsejjes fuq kompetizzjoni;
3. li jispeċifika li l-perjodu ta' żmien, kopert mill-awtorizzazzjoni għall-ipprospettar u l-esplorar huwa ta' 5 snin mid-data tad-dħul fis-seħħ tal-kuntratt għall-ipprospettar u l-esplorar, bid-dritt li dan il-perjodu jkun jista' jiġi estiż skond l-Artikolu 31, paragrafu 3 tal-Liġi dwar ir-Riżorsi Naturali ta' Taħt l-Art;
4. li l-kompetizzjoni għall-għoti tal-awtorizzazzjoni skond il-punt 1 issir fil-150 jum mid-data tal-pubblikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, fil-bini tal-Ministeru tal-Ekonomija u l-Enerġija, li jinsab fl-indirizz li ġej: Nru 8, Triq Triaditza, Sofia;
5. li l-bejgħ tal-fajl tal-kompetizzjoni jista' ijnxtara sal-17:00 tal-120 jum mid-data tal-pubblikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*;
6. li n-notifiki għall-parteċipazzjoni fil-kompetizzjoni jibqgħu jintlaqgħu sal-17:00 tal-130 jum mid-data tal-pubblikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*;
7. li l-applikazzjonijiet għall-kompetizzjoni jibqgħu jintlaqgħu sal-17:00 tal-144 jum mid-data tal-pubblikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*;
8. li matul il-kompetizzjoni ma jistax ikun hemm parteċipanti preżenti;
9. li l-fajl tal-kompetizzjoni jinbiegħ għall-prezz fiss ta' BGN 500 (500 Leva Bulgara). Il-fajl tal-kompetizzjoni jinbiegħ mill-kamra Nru 802 tal-bini tal-Ministeru tal-Ekonomija u l-Enerġija, li jinsab fl-indirizz li ġej: Nru 8, Triq Triaditza, Sofia, matul il-perjodu ta' żmien iffissat fil-punt 5;
10. li l-parteċipanti fil-kompetizzjoni għandhom ikunu konformi mar-reqwiziti, speċifikati fl-Artikolu 23, paragrafu 1 tal-Liġi dwar ir-Riżorsi Naturali ta' Taħt l-Art;

11. li l-applikazzjonijiet mitfugħa mill-parteċipanti fil-kompetizzjoni jkunu evalwati abbażi ta' dawn l-elementi proposti: programmi ta' ħidma, strumenti għall-ħarsien ambjentali u strumenti għal taħriġ, bonusijiet, u wkoll skond il-kapaċitajiet amministrattivi u finanzjarji tagħhom;
12. li d-depożitu għall-parteċipazzjoni fil-kompetizzjoni huwa ffixsat għal BGN 10 000 (10 000 Levi Bulgari) u għandu jitħallas qabel id-data tal-għeluq, kif speċifikata fil-punt 6, fil-kont bankarju tal-Ministeru tal-Ekonomija u l-Enerġija, indikat fil-fajl tal-kompetizzjoni;
13. li fil-każ li t-talba tal-applikant biex jipparteċipa fil-kompetizzjoni ma tintlaqax, l-applikant jirċievi d-depożitu li jkun ħallas f'forma ta' rimborż fi żmien 14-il jum mid-data meta jkun ġie nnotifikat li l-applikazzjoni tiegħu ma ntlaghetx;
14. li d-depożitu tal-applikant li jkun rebaħ il-kompetizzjoni jinżamm u l-bqija tal-applikanti jirċievu lura d-depożiti f'forma ta' rimborż fi żmien 14-il jum mill-pubblikazzjoni tad-Deċiżjoni tal-Kunsill tal-Ministri għall-għoti tal-awtorizzazzjoni għall-ipprospettar u l-esplorazzjoni fil-*Gazzetta tal-Istat*;
15. li n-notifikazzjonijiet għall-parteċipazzjoni fil-kompetizzjoni u l-proposti mill-applikanti dwar il-kundizzjonijiet tal-kompetizzjoni għandhom jiġu ppreżentati fil-bini tal-Ministeru tal-Ekonomija u l-Enerġija, li jinsab fl-indirizz li ġej: Nru 8, Triq Triadzita, Sofia, skond ir-rekwiżiti tal-Artikolu 46 tal-Liġi dwar ir-Riżorsi Naturali ta' Taħt l-Art;
16. li l-applikazzjonijiet għall-kompetizzjoni għandhom ikunu konformi mar-rekwiżiti u l-kundizzjonijiet, kif indikati fil-fajl tal-kompetizzjoni;
17. li l-kompetizzjoni tista' ssir anke jekk jitħalla jipparteċipa applikant wieħed biss;
18. li l-Ministeru tal-Ekonomija u l-Enerġija huwa awtorizzat jagħmel kif ġej:
  - 18.1. li jibgħat it-test ta' din id-Deċiżjoni biex jiġi ppubblikat fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u fil-*Gazzetta tal-Istat*, kif ukoll fuq is-sit tal-Kunsill tal-Ministri;
  - 18.2. li jaħtar kummissjoni sabiex torganizza u tmexxi l-kompetizzjoni;
19. li l-appelli minn din id-Deċiżjoni jistgħu jiġu indirizzati lill-Qorti Amministrattiva Suprema fi żmien 14-il jum mill-pubblikazzjoni fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

*Il-Prim Ministru*

**Sergei STANISHEV**

*Is-Segretarju Prinċipali tal-Kunsill tal-Ministri*

**Sevdalin MARINOV**

*Kopja awtentika,*

*Id-Direttur tal-Uffiċċju tal-Kabinett*

**Vesselin DAKOV**

---